MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2009

Numru 715/2009

**Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**

**vs**

**Duncan (Duncan Emanuel) Vella**
**Clayton Muscat**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Duncan (Duncan Emanuel) Vella ta' 35 sena, iben Edward u Josephine nee' Catania, mwieled San Giljan fit-2 ta' Novembru 1973 u residenti fil-fond 27, Flat 2 Triq San Gwann tal-Ghorghar, San Gwann u detentur tal-karta tal-identita' numru 509173(M) u Clayton Muscat ta' 21 sena, iben Victor u Helen nee' Abdilla, mwieled Pieta' fis-6 ta' Jannar 1988 u residenti fil-fond

numru 62, Triq Censu Busuttil, Iklin u detentur tal-karta tal-identita’ numru 34388(M) gew mressaq quddiemha akkuzati talli:

Fin-Naxxar, nhar il-21 ta’ Lulju 2009, bil-lejl, ikkommettew serq ta’ oggetti mill-bini li jinsab fil-konfini ta’ l-‘Ex-Trade Fair Grounds’, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jeccedi s-somma ta’ €2329.37 (elf lira Maltin) u li sehh ghad-detriment tal-Kummisjoni Elettorali u/jew Socjetajiet ohra;

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz in-nota tal-Avukat Generali datata 14 ta’ Settembru 2009 (esebita a fol. 33 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) Fl-Artikoli 261, 263(a), 264(1), 265, 266(1), 266(2), 267, 270, 278(1), 278(2), 278(3), 279(b), 280(1), 280(2), 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(b) Fl-Artikoli 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Rat li fis-seduta tal-25 Settembru 2009 l-imputati wiegbu li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar il-25 ta’ Setembru 2009 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9, u cioe’ wara li l-imputati wiegbu li huma hatja, din il-Qorti wissiethom b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha u kien biss wara li staqsiethom it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputati, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq

ohra salv li ssib lill-imputati hatja ta’ l-akkuzi kif dedotta kontra taghhom.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat Clayton Muscat ghandu fedina penali netta u l-imputat l-iehor Duncan (Duncan Emanuel) Vella ghandu fedina penali kwazi netta u li huma t-tnejn kkoperaw bis-shih fil-kors ta’ l-investigazzjonijiet kif ukoll li ir-refurtiva giet rritornat lura lid-derubat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi indikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-14 ta’ Settembru 2009, issib lill-imputati hatja tal-akkuza migjuba fil-konfronti taghhom u b’ applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundannahom sentejn(2) prigunerija sospizi ghal perjodu ta’ erba’(4) snin millum kull wiehed.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------